***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 533 tat-12 ta' Jannar 2022 dwar punt imqajjem mill-Onor. Jospeph Ellis dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Is-Sedja tagħmel referenza għall-punt imqajjem mill-Onor. Joseph Ellis fis-Seduta 532 tal-11 ta' Jannar 2022 wara l-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari u nikkwota:

> **ONOR. JOSEPH ELLIS:** Mr Speaker, xtaqt l-intervent tiegħek minħabba l-fatt li l-mistoqsijiet parlamentari numri 23940, 23941, 23942 u 23943 ma ġewx imwieġba u saru referenzi għal mistoqsijiet parlamentari preċedenti, u r-raġunijiet li ngħataw fit-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet preċedenti mhumiex relevanti.

Is-Sedja għamlet referenza għall-interpellanza parlamentari numru 23940, 23941, 23942 u 23943 li huwa għamel lill-Ministru għal Għawdex dwar kuntratti mogħtija mill-Ministeru għal Għawdex.

> **MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – KUNTRATTI TAĦT IL-VALUR TA' €5,000**
>
> **23940. L-ONOR. JOSEPH ELLIS** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 23632 u ċjoè jgħid kemm ingħataw kuntratti taħt il-valur ta' €5,000 mill-Ministeru għal Għawdex f'Novembru 2021, kemm minnhom kienu għal kuntratt ta' servizz u kemm minnhom ġew iffirmati mis-Segretarju Permanenti?
>
> **ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari numru 23632.
>
> **MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - KUNTRATTI TAĦT IL-VALUR TA' €5,000 IFFIRMATI MIS-SEGRETARJU PERMANENTI**
>
> **23941. L-ONOR. JOSEPH ELLIS** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 23633 u 23239 u jgħid kemm ingħataw kuntratti taħt il-valur ta' €5,000 mill-Ministeru għal Għawdex f'Ottubru 2021, kemm minnhom kienu għal kuntratt ta' servizz u kemm minnhom ġew iffirmati mis-Segretarju Permanenti?
>
> **ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari numru 23940.
>
> **MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - KUNTRATTI TAĦT IL-VALUR TA' €5000**
>
> **23942. L-ONOR. JOSEPH ELLIS** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 23634 u 23247 u jgħid kemm ingħataw kuntratti taħt il-valur ta' € 5,000 mill-Ministeru għal Għawdex f'Settembru 2021, kemm minnhom kienu għal kuntratt ta' servizz u kemm minnhom ġew iffirmati mis-Segretarju Permanenti?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari numru 23941

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - KUNTRATTI TAĦT IL-VALUR TA' €5000**

**23943. L-ONOR. JOSEPH ELLIS** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw kuntratti taħt il-valur ta' €5,000 mill-Ministeru għal Għawdex f'Diċembru 2021, kemm minnhom kienu għal kuntratt ta' servizz u kemm minnhom ġew iffirmati mis-Segretarju Permanenti?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari numru 23942.

It-tweġibiet mogħtija għal dawn il-mistoqsijiet finalment jirreferu lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari 22308 imwieġba f'seduta 495 tat-12 ta' Ottubru 2021 u f'seduta 526 tat-30 ta' Novembru 2021 kif ġej:

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – KUNTRATT LILL-PERSUNI**

**22308. L-Onor. CHRIS SAID staqsa lill-Ministru għal Għawdex:** Jista' l-Ministru jgħid kemm il-kuntratt ingħata lill-persuni mill-Ministeru għal Għawdex u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu matul is-sena 2021 sal-lum u ċjoè kemm-il kuntratt ingħata lil dawn il-persuni biex joffru servizz lill-Ministeru jew entitajiet bħala persuni *self-employed*? Jista' jgħid minn f'kull każ iffirma l-kuntratti ma' dawn il-persuni?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont il-liġi SL 601.03, kull kuntratt jiġi ppublikat fuq il-gazzetta tal-Gvern perjodikament.

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - CONTRACTS OF SERVICE**

**23353. L-ONOR. JASON AZZOPARDI staqsa lill-Ministru għal Għawdex:** Jista' l-Ministru jgħid x'kien in-numru ta' sejħiet għal *contract of service* li kull entità fi ħdanu ħarget kull sena mill-2017 sal-lum? Jista' jgħid kemm u għalxiex ingħataw *contracts of service* għall-istess perjodu minn kull entità fi ħdanu?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li biex tingħata l-informazzjoni mitluba jeħtieġ li jsir eżerċizzju li jieħu żmien twil, għax l-informazzjoni trid tinġabar minn sorsi differenti u tinvolvi l-użu ta' ħafna riżorsi umani tal-entitajiet varji.

Filwaqt li s-Sedja tifhem kif l-Onor. Ellis jista' jara li t-tweġibiet mogħtija ma jindirizzawx eżattament dak li huwa staqsa għalih, is-Sedja tenni dak li ġie espress diversi drabi, kemm minnha riċentement fis-seduti 464 tal-24 ta' Mejju 2021 u 522 tat-22 ta' Novembru 2021, kif ukoll minn Speakers preċedenti, li hija m'għandha l-ebda poter li b'xi mod tindaħal fil-kontenut tat-tweġibiet li jagħżlu li jagħtu l-Ministeri.

Fl-istess *rulings* fuq imsemmija, filwaqt li s-Sedja, bħalma għamlu diversi Speakers preċedenti, issolleċitat lill-Ministri biex iwieġbu l-mistoqsijiet li jsirulhom b'mod komprensiv, spjegat ukoll għala l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra ma jtuhix mansjoni li tirregola t-tweġibiet parlamentari. Dan għamlitu meta *ai termini* tal-Ordni Permanenti 197, irreferiet għall-prattiċi tal-House of Commons tar-Renju Unit u għall-fatt li l-prattiċi tal-Parlament Malti f'dan ir-rigward jirriflettu dawk tal-istess Parlament Ingliż. F'dak ir-*ruling*, is-Sedja kienet għamlet referenza għal paġna 356 tal-*Erskine May, Parliamentary Practice (24 Edition)* taħt it-titolu "Speaker's control of questions", fejn jingħad illi:

> "*The Speaker's responsibility in regard to questions is limited to their compliance with the rules of the House. Responsibility in other respects rests with the Member who proposes to ask the question and responsibility for answers rests with Ministers."*

Fl-istess *ruling* kienet ikkwotat dak li ddeċieda l-Ispeaker John Bercow fis-Seduta tal-House of Commons tat-28 ta' Novembru 2001 (*House of Commons Debates Vol. 375, C971)* meta nqalgħet kwestjoni dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari. Dakinhar l-Ispeaker Bercow qal hekk:

> "*It would be unwise for me to express a view on the adequacy of a particular Ministerial answer. There are bound to be two views on that, and neither is a matter for me*."

Għaldaqstant, is-Sedja ma tarax li tista' tieħu xi azzjoni għar-rigward tat-talba tal-Onor. Ellis.